MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 557/2013

GO **p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Mark Stephen Haynes (K.I. 45404A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tmien mija u tletin ewro u hamsa u tletin centezmi (€830.35) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru AC40140695 moghtija mis-socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil- 5 ta’ Frar, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija u tletin ewro u hamsa u tletin centezmi (€830.35) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi u skont it-talba fl-Avviz u dan sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------